# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis**
**Hamsa (5) ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 579/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Salem Almarghani Aboubakr Alzarouq (K.I 0163932A)**

**Vs**

**Identity Malta**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Ġunju 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti huwa raġel ta' nazzjonalita` Libjana u huwa kien wasal Malta fit-2 ta' Awissu 2016. Huwa kien applika għall-asil u ottjena Protezzjoni Sussidjarja maħruġa mill-Kummissarju tar-Rifuġjati.*

    2. *Illi r-rikorrenti kien intavola applikazzjoni mal-Awtorita` intimata sabiex jingħata Permess ta' Residenza. Din l-applikazzjoni saret fis-7 ta' Frar 2017 (Receipt Number: 4349/2017, Application Reference 99309/2017/NON-EU – Kopja hawn annessa u mmarkata Dok A). L-applikazzjoni għadha pendenti sallum.*

3. *Illi jingħad li huwa kien saħansitra applika qabel dan iż-żmien* u dana *f'Diċembru 2016 iżda minħabba tibdil fl-indirizz ta' residenza tiegħu huwa kien reġa' ippreżenta applikazzjoni ġdida u dan, kif ingħad, fis-7 ta' Frar 2017.*

4. *Illi saru diversi tentattivi da parti tiegħu sabiex isir jaf ir-raġuni għal tali* dewmien, *l-unika risposta li ngħata kien li tali applikazzjoni għadha pendenti.*

5. *Illi r-rikorrent huwa benefiċċjarju ta' Protezzjoni Sussidjarja u dan* ai termini tal-Kap 420 tal-*Liġijiet ta' Malta u skont Artikolu 20 tal-Liġi Sussidjarja 420.07 'Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra kuntrarja,u minkejja kull ordni ta' deportazzjoni jew* tat-tneħħija, *persuna dikjarata bħala benefiċċjarja ta' protezzjoni internazzjonali għandha tkun intitolata: (a) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet* tal-artikoli 9 u 10 tal-*Att, li tibqa' f'Malta bil-libertà ta' moviment, u li tingħata,* malajr kemm ikun possibbli, dokumenti *personali, inkluż permess ta' residenza għal perijodu ta' tliet snin, li jiġi mġedded: Iżda* permess *ta'* residenza *li għandu jingħata lill-membru tal-familja, jista' jkun validu għal mill-inqas tliet snin u għandu jiġi mġedded;' Minkejja dan l-permess għadu ma' inħariġx.*

6. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali ippreżs*entata quddiem din il-Qorti fl-14 *ta' Jannar 2019 (Ittra uffiċjali numru 133/2019) huwa talab sabiex l-awtorita` toħroġ l-imsemmi permess ta' residenza skont il-liġi fil-*konfront tal-istess rikorrent. *L-Awtorita` ġiet notifikata nhar it-18 ta' Jannar 2019 u ma ntavolat l-ebda risposta. Għalhekk sallum l-Awtorita` intimata naqset milli tiddeċiedi dwar it-*talba tar-rikorrenti.

7. *Illi skont l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta 'meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-*awtorità *u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-*talba, dak in-nuqqas *għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira.' Għalhekk peress li n-*notifika tat-talba saret *fit-18 ta' Jannar 2019 u għaddew iktar minn xahrejn, l-*istess talba *għandha tiġi ikkonsidrata bħala rifjut ai termini tal-liġi.*

8. *Illi minkejja l-ksur tal-liġi mill-*Awtorita` *kif spjegat hawn fuq l-Awtorita` tirrifjuta milli toħroġ Permess ta' Residenza mingħajr ebda raġuni valida.*

9. *Illi l-Awtorita` intimata hija awtorita` pubblika u deċizjoni jew nuqqas ta' deċizjoni tagħha taqa' taħt d-definizzjoni ta' egħmil* amministrattiv. *Skont l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, "egħmil amministrattiv"* tfisser *'il-ħruġ ta' kull ordni,* liċenzja, *permess, warrant, deċiż*joni jew *ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li*

*jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità ...".*

10. *Illi r-rifjut li l-Awtorita` toħroġ tali permess kif mitlub huwa sindakabbli mill-Qrati Ċivili ta' Malta. L-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tgħid:*

*(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza Ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu: jew*
*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*
*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

11. *Illi l-Awtorita` ħadet id-deċizjoni tagħha, ossia rifjut, mingħajr ma indenjat ruħha tagħti ebda raġunijiet. Dan jmur kontra l-prinċipju li entita` amministrattiva għandha d-dmir li tagħti raġunijiet għad-deċizjoni tagħha (the duty to give reasons). Fis-sentenza Ingliża Ridge v. Baldwin ([1964] AC 40) 'the right to a fair hearing' ġie iddikjarat bħala 'a rule of universal application'. Lord Loreburn identifika dan il-prinċipju fil-kawża Board of Education v. Rice ([1911] AC 179) u afferma li l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali 'is a duty lying upon everyone who decides anything'. In oltre, l-awturi Wade and Forsyth fil-ktieb 'Administrative Law' [(10th edn, OUP 2009) pg.408] jgħidu hekk: "Experience has shown that there are remarkably few true exceptions to this 'duty lying upon everyone who decides anything', at any rate anything which may adversely affect legal rights or liberties".*

12. *Illi fis-sentenza "**Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku**" deċiza fil-21 ta' Mejju 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ingħad*

*hekk dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali: 'Bil-kemm għandu jingħad li l-ħtieġa li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jħarsu b'mod skrupoluż it-tħaddin ta' dawn il-prinċipji hija waħda li m'għandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-liġi sabiex wieħed japplikaha. It-tħaris ta' dawn il-prinċipji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika għandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-egħmil amministrattiv. Għall-kuntrarju in-nuqqas ta' tħaris ta' dawn il-prinċipji jwassal għall-irritwalita' tal-egħmejjel hekk imwettqa u għat-tħassir tagħhom. (Vide 'Stephen Galea vs Frans Farrugia et' P.A. 30 ta' Marzu 2010 u "Debono vs Phonica Systems Ltd" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004).'*

13. *Illi għalhekk l-Awtorita` kellha d-dmir li tagħti raġunijiet għar-rifjut tagħha, ħaġa li ċertament ma għamlitx għaliex ma ħadet l-ebda deċizjoni.*

14. *Illi in oltre, dawn il-fatti jagħtu lok għall-abbuż ta' setgħa da parti tal-Awtorita` u fil-fatt ir-rikorrent isostni li r-rifjut huwa essenzjalment irraġonevoli.*

15. *Illi dwar il-kriterju tar-"raġonevolezza", din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Diċembru 2003 fil-kawża "**Buttigieg vs Rettur tal-Universita ta' Malta et**" irriteniet li – 'F'dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet ġuridiċi bażati fuq insenjament anki tal-Qrati Ingliżi. Illi fis-sentenza "Neg. Ugo Pace vs Prof. Joseph Anastasi Pace noe" din il-Qorti diversament presjeduta għamlet riferenza għall-kawża "Giorgio Demarco et noe vs James Turner noe et" fejn ġie ntravvedut ir-rekwiżit tar-"reasonable exercise". It-tests ta' "unreasonableness" fl-eżerċizzju ta' poteri simili ġew enunzjati fil-kawża "Kruse vs Johnson" tal-1898 b'dan il-mod: If they are manifestly unjust, if they disclosed bad faith, if they could find no justification in the minds of reasonable men.*

16. *Illi l-Qorti tkompli, l-awtur Ingliż HWR Wade fil-ktieb tiegħu "Administrative Law" jikkummenta hekk –*

*'A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably.'*

*'Tqum il-kwistjoni dwar the legal standard of reasonableness li huwa meħtieġ sabiex jiġi sodisfatt dak ir-rekwiżit għax, kif jikkumenta l-istess awtur, 'virtually all administrative decisions are rational in the*

*sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness ... within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.'*

*'Kien ritenut ukoll li sabiex deċiżjoni titqies raġonevoli jeħtieġ li tkun bażata fuq kriterji oġġettivi ("Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et" – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u "Dalli vs Sollars et" – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009)'*

17. *Illi mhux raġjonevoli li ma tagħtix raġunijiet għar-rifjut dwar applikazzjoni Permess ta' Residenza mitluba li skont l-liġi għandha tinħareġ kemm jista` ikun malajr. L-awtorita` hemm tabbuża mis-setgħa` tagħha u taġixxi kontra l-liġi.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi l-aġir tal-Awtorita` intimata li baqgħet ma tat l-ebda risposta lir- rikorrenti dwar it-talba tagħha kontenuta l-ittra datata 14 ta' Jannar 2019 jikkonsisti rifjut ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li r-rifjut tal-Awtorita` intimata wara t-talba għall-ħruġ ta' Permess għar-residenza kif mitlub fl-ittra tal-14 ta' Jannar 2019 imur kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Tiddikjara li r-rifjut tal-Awtorita` intimata jmur kontra l-prinċipju ġenerali tal-Ġustizzja Naturali u li jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew issejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

4. *Tordna l-Awtorita` intimata sabiex toħroġ il-Permess ta' Residenza skont il-liġi fil-konfront fir-rikorrent u skont il-provvedimenti li din il-Qorti jidhirlha li għandha tagħti;*

5. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba li r-rifjut imsemmi da parti tal-Awtorita' mhux raġjonevoli;*

6. *Tordna li l-intimat Awtorita` tħallas id-danni lir-rikorrenti hekk kif likwidati minn din l-Qorti;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 14 ta' Jannar 2019.*

2. Rat illi fid-9 ta' Lulju 2019 l-intimata Identity Malta irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

***<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>***

1. *Illi l-esponent m'hijiex il-leġittimu kontraditturi għat-talbiet vantati mill-attur u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li deċiżjonijiet rigwardanti permess ta' residenza ma jittieħdux mill-konvenut iżda mid-direttur tad-dipartiment taċ-ċittadinanza u l-expatriate affairs li għandu l-funzjoni li joħroġ u jirrevoka permessi ta' residenza liema setgħa ġiet mgħoddija lill-istess direttur abbażi tal-artikolu 1 tas-subartikolu 1 tal-Artikolu 26 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Novembru 2006 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok '***AIM 1***');*

2. *Illi in linea preliminari, l-azzjoni attriċi ġiet intavolata fuori termine t-terminu perentorju u ta' dekadenza ta' sitt (6) xhur stabbilit fl-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk dina l-azzjoni għandha tiġi dikjarata bħala tali. L-aġenzija infurmat lill-attur illi l-applikazzjoni tiegħu hija pendenti u dan fis-26 ta' Ġunju 2018. Għaldaqstant it-terminu għas-stħarriġ ġudizzjarju kellu jiskatta minn tali data u mhux mill-intavolar tal-ittra uffiċċjali imsemmija fir-rikors ġuramentat in risposta;*

3. *Illi in linea preliminari u strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jeċepixxi illi jekk l-attur qiegħed jikkunsidra illi xahrejn wara l-intavolar tal-ittra uffiċċjali imsemmija fir-rikors ġuramentat in risposta l-esponent rrifjuta l-applikazzjoni sabiex jingħata permess ta' residenza, l-esponent jeċepixxi illi t-tiġdid u/jew ħruġ tal-permess ta' residenza hija prerogattiva tal-awtoritajiet u hemm mekkaniżmu fejn deċiżjoni tal-awtorita' tiġi riveduta ai termini tal-artikolu 25A tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant it-talba sabiex jiġġeded/joħroġ permess ta' residenza tal-attur hija legalment improponibbli u m'għandhiex tiġi akkolta;*

***<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>***

4. *Illi dato ma non concesso li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

5. *Illi l-attur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz ma jgawdi minn ebda dritt sagrosant illi jiġi mġedded il-permess ta' residenza kif qiegħed jallega l-attur. L-Awtoritajijiet iżommu ferm id-dritt illi jġeddu tali permessi ai termini tal-Liġi viġenti;*

6. *Illi l-attur huwa ċittadin ta' pajjiż terz u ma jgawdi minn ebda dritt sagrosant ta' moviment kif qed jallega l-attur;*

7. *Illi l-attur qiegħed ssejjes l-azzjoni tiegħu ai termini tal-Artikolu 469A 1 (b) (ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jingħad illi m'huwiex minnu illi l-attur ma ġiex infurmat bil-proċessar tal-applikazzjoni tiegħu stante illi fis-26 ta' Ġunju 2018 l-esponent idderieġa ruħu sabiex jinfurma lill-attur li l-applikazzjoni għadha pendenti. Illi għalhekk kemm il-kriterju ta' the duty to give reasons u the right to a hearing ġew rispettati;*

8. *Illi fi kwalunkwe każ l-aġenzija Identity Malta ġiet irrikomandata minn entitajiet fil-qasam ta' sigurta' nazzjonali u internazzjonali illi tali applikazzjoni m'għandhiex tintlaqa'. Din ir-rakomandazzjoni ma ġietx mfissra u dan minħabba raġunijiet tas-sigurta' li jgawdu l-istess entitajiet fit-twettiq ta' xogħolhom;*

9. *Illi in kwantu illi l-attur qiegħed titlob bħala rimedju sabiex "tordna l-Awtorita' intimata sabiex toħroġ il-Permess ta' Residenza skont il-Liġi fil-konfront u skont il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti", wkoll l-esponenti jeċepixxu illi din il-Qorti ma tistgħax tati tali rimedju u dan peress illi f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju il-Qorti hija prekluża milli tagħti rimedju iżda hija limitata biex tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni u dan peress illi l-Qorti hija prekluża milli tieħu d-deċiżjoni flok l-awtorita' kompetenti. Semmai f'każ l-Qorti tiddeċiedi illi tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-awtorita' kompetenti, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-awtorita' kompetenti biex hija tagħti r-rakomandazzjoni u deċiżjoni tagħha fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti;*

10. *Illi fi kwalunkwe każ u strettament bla preġudizzju għas-suespost l-esponent jeċepixxi illi ċertament li l-esponent ma aġixxietx in mala fede jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A (5) l-esponenti ma twieġeb għall-ebda danni;*

11. *Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet tal-attur huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.*

**Provi:**

3. Semgħet ix-xhieda ta' **David Muscat** in rappreżentanza tal-Kummissarju tar-Refuġjati, mogħtija fl-14 ta' Novembru 2019 (fol 28) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija l-applikazzjoni u r-rakkomandazzjoni tar-Refugee Commission (fol 33 et seq).

4. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr. Cynthia Tommasuolo**, Legal Advisor tal-Aġenzija intimata, mogħtija fis- 6 ta' Frar 2020 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata (fol 70).

5. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Salem Almargħani Aboubakr Alzarouq** ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2020 (fol 91) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita.

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Joseph Bugeja** bħala Kap tas-Servizz tas-Sigurta' mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2020 (fol 124).

7. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2020 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

8. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami, ta' Almarghani Aboubakr Alzarouq Salem mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2020 (fol 135).

9. Rat in-nota ta' Salem Almargħani Aboubakr Alzarouq, ippreżentata fid-29 ta' Diċembru 2020, li tinkludi kopja ta' kuntratt li r-rikorrent iffirma mal-Lufthansa Teknik nhar il-31 ta' Ottubru 2019 (fol 144).

10. Rat in-nota ta' Identity Malta, b'serje ta' dokumenti fil-file tal-attur fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta datata 19 ta' Frar 2021 (fol 157).

11. Rat illi fid-19 ta' Frar 2021, l-awtorita' intimata talbet illi jixhed Joseph Bugeja mhux fil-presenza tal-partijiet, għal liema talba l-partijiet ttrattaw u ġie finalment degretat minn dina l-Qorti fid-9 ta' Lulju 2020, fejn ċaħdet it-talba kif magħmula mill-awtorita' intimata (fol 262).

12. Rat illi fis-6 ta' Ottubru 2021, l-Awtorita' intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi, u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet finali.

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Salem Almarghani Aboubakr Alzarouq ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 2021 (fol 267).

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Identity Malta ippreżentata fis-16 ta' Frar 2022 (fol 294).

15. Rat illi fit-2 ta' Marzu 2022 il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

16. Jirriżulta li r-rikorrent, li huwa ta' nazzjonalità Libjana, wara li wasal Malta bl-ajru f'Awissu 2016, applika għall-asil u ottjena protezzjoni sussidjarja maħruġa mill-Kummissjoni tar-Refuġjati fil-31 ta' Ottubru 2016 validu għal tlett snin.

17. Jirriżulta li r-rikorrent, sussegwentement, f'Diċembru 2016, intavola applikazzjoni għall-permess ta' residenza, u sussegwentement fi Frar 2017 reġa' preżenta applikazzjoni oħra peress illi kien biddel l-indirizz tiegħu, liema applikazzjoni għandha in-numru 99309/2017/Non EU (Dok A) liema applikazzjoni għadha pendenti.

18. Jirriżulta illi, wara li l-applikazzjoni baqgħet pendenti għal madwar sentejn, permezz tal-ittra uffiċjali quddiem il-Qorti fl-4 ta' Jannar 2019 (ittra uffiċjali numru 133/2019) huwa talab sabiex l-Awtorita` toħroġ dan il-permess ta' residenza skont il-liġi fil-konfront tal-istess rikorrent. In segwitu, ma ġiet ippreżentata l-ebda risposta għal din l-ittra uffiċjali.

19. Jirriżulta li r-rikorrent, eventwalment fit-12 ta' Ġunju 2019, intavola l-proċeduri odjerni fejn, filwaqt li interpreta d-dewmien u n-nuqqas ta' tweġiba għall-applikazzjoni għar-residenza tiegħu, bħala rifjut, mingħajr raġuni valida, talab illi dana jiġi sindikat taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Ikkunsidrat

20. Jirriżulta illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jitlob li jiġi dikjarat li l-fatt li baqa' mingħajr risposta għall-applikazzjoni tal-permess ta' residenza, jikkonsisti f'rifjut a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre` qed jintalab li l-allegat rifjut għat-talba għall-ħruġ ta' permess ta' residenza imur kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12. Ġie mitlub ukoll, li dan ir-rifjut imur kontra l-prinċipju ġenerali tal-Ġustizzja Naturali. Għalhekk, finalment huwa talab li jinħariġlu l-permess ta' residenza u jiġu likwidati d-danni sofferti.

21. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi da parti tal-intimat tqajmu dawn id-difiżi fejn sostnew fl-ewwel lok, preliminarjament, li Identity Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur, fit-tieni eċċezzjoni preliminari, ġie eċċepit li l-azzjoni odjerna hija *fuori termini* a tenur tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12, fit-tielet eċċezzjoni preliminari, ġie sostnut, li t-talba tar-rikorrent hija improponibbli stante li r-rikorrent kellu jipproċedi quddiem il-Bord appożitu. Fil-mertu, ġie eċċepit, li l-għoti ta' permess ta' residenza huwa distint minn għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Inoltre`, ir-rikorrent huwa ċittadin ta' pajjiż terz, ma jgawdix minn dritt sagrosant li jottjeni permess ta' residenza, u mhuwiex minnu li huwa ma ġiex infurmat bl-ipproċessar tal-applikazzjoni, imma ġie infurmat li l-applikazzjoni għadha pendenti. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll, li ma tistax tiġi ppruvata u attribwita ebda *mala fede*, b'hekk ai termini tal-Artikolu 469A (5) ma jistgħu jiġu attribwiti ebda danni.

22. Din il-Qorti ser tibda billi tanalizza l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari**

23. Ġie eċċepit preliminarjament, li Identity Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mir-rikorrent, u dan a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li deċiżjonijiet dwar permess ta' residenza jittieħdu mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Expatriate Affairs u mhux mill-intimat. Ġie eċċepit li dan joħroġ mill-artikolu 1 tas-subartikolu 1 tal-Artikolu 26 tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz tal-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Novembru 2006, (Dok AIM 1 annessa mar-risposta).

24. Fis-sottomissjonijiet, l-intimat sostna li qed iżomm ferm din l-eċċezzjoni peress li l-permess ta' residenza jinħareġ biss mid-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u mhux minn Identity Malta.

25. Minn naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jagħmel referenza għal-Ligi Sussidjarja 595.07, fejn hemm stabbilit li l-Aġenzija intimata għandha twettaq il-funzjonijiet u dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika f'materji ta' viżi, permessi ta' residenza, permessi ta' xogħol u materji amministrattivi oħrajn li jkollhom x'jaqsmu ma' barranin. Għalhekk ġie sostnut, li ladarba anke l-Legal Advisor tal-Aġenzija Identity Malta xehdet u ppreżentat dokumenti relatati ma' dan il-każ, m'għandux jintuża formaliżmu esaġerat, b'hekk ġie sostnut mir-rikorrent, li din l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa'.

26. Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-permess tar-residenza eżebita minnu stess mar-rikors promotur, tgħid, **<u>b'mod ċar</u>**, li l-applikazzjoni qed issir lid-**Direttur taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates**. Dan jinsab rifless ukoll fid-dokumenti eżebiti fejn tidher l-applikazzjoni tar-rikorrent, fol 169 sa 174 tal-proċess. L-Aġenzija intimata ma tissemma' ikien fuq din l-applikazzjoni.

27. Jiġi puntwalizzat, li fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent għażel biss li jsemmi u jindika il-liġi sussidjarja 595.07. Madanakollu, il-Qorti tosserva li jidher ċar li l-Aġenzija Identity Malta m'għandhiex rwol dirett fil-ħruġ ta' permessi ta' residenza billi dan joħroġhom id-Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates, li huwa parti mill-Aġenzija.

28. Jidher illi r-rikorrent għażel li njora l-fatt li, permezz tal-Gazzetta tal-Gvern Numru 17,994 tal-10 ta' Novembru 2006, eżebita mar-risposta tal-intimat (fol 23 tal-process), il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern awtorizzaw lid-Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates biex jeżerċita f'ismu, b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 2006, is-setgħat biex joħroġ permessi għal residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, u barra minn hekk, id-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta'

Espatrijazzjoni huwa l-awtorita` kompetenti sabiex jirċievi applikazzjoni u sabiex joħroġ permess uniku. Dan joħroġ evidentement minn LS. 217.17.

29. Fil-fatt, f'din il-L.S. 217.17 jingħad hekk fl-ewwel artikolu subartikolu (1):

*"It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa ir-Regolament tal-2014 dwar proċedura ta' Applikazzjoni waħda għal permess uniku fir-rigward ta' residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment f'Malta."*

30. Inoltre`, fl-Artikolu 2 ta' l-istess L.S.217.17 "Direttur" jinsab definit bħala:

*"Id-direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni u li huwa l-awtorita` kompetenti sabiex jirċievi applikazzjoni u sabiex joħroġ permess uniku."*

31. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza għal kawża **Ikil Mahmoud vs Direttur tal-Aġenzija Identity Malta et, (333/2019)** deċiża fit-30 ta' Lulju 2020, fejn dwar kwistjoni simili, kellha dan xi tgħid:

*"Illi l-liġi (Reg. 10 tal-L.S. 595.07) tgħid ċar u tond li "r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Aġenzija Identity Malta tvesti fl-Uffiċjal Kap Eżekuttiv. Għalhekk id-Direttur tal-Aġenzija Identity Malta mħarrek mill-attur ċertament mhuwiex ir-rappreżentant legali tal-istess aġenzija u bħala tali jrid jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti tista' tieqaf hawn. Imma anke jekk kellha tqis xorta waħda li ġiet imħarrka l-Aġenzija, xorta wahda din mhiex il-leġittimu kontradittur."*

32. F'dan l-istess każ kompla jingħad hekk:

"*Skont il-liġi (art. 181B tal-Kap 12), ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern hi normalment vestita 'mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.' Dan il-liġi tagħmlu għall-fini ta' kjarezza u konvenjenza u sabiex ma joqogħdux jitħarrku ħafna persuni għalxejn in rappreżentanza tal-Gvern, tant li l-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li ġaladarba l-Kap ikkonċernat ikun ġie imħarrek , dan ikun biżżejjed u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li jitħarrku wkoll konvenuti oħra, f'dak il-każ dan kien id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u għalhekk il-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tat-Taxxi,li kienu mħarrkin flimkien miegħu, ġew meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju."(Ara* ***Castle Hill vs Prim Ministru*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' April 2015).*

33. Għalhekk, in vista tas-suespost, jidher ċar li Identity Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mir-rikorrent, u għalhekk għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

34. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni ta' Identity Malta għandha tiġi kkunsidrata favorevolment.

35. Għalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawn, filwaqt illi ma hijiex ser tinoltra ruħha fuq il-meritu, tqis illi, madankollu, għandha tikkunsidra wkoll it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari.

**It-tieni eċċezzjoni preliminari**

36. Ġie eċċepit tramite t-tieni eċċezzjoni preliminari, li l-azzjoni attriċi ġiet intavolata *fuori termine* t-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur stipulat fl-Artikolu 469A (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

37. Jirriżulta illi l-aġenzija infurmat lir-rikorrent fis-26 ta' Ġunju 2018, li l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha pendenti. Għalhekk, it-terminu għal stħarriġ ġudizzjarju kellu jiskatta minn tali data u mhux mill-intavolar tal-ittra uffiċjali imsemmija fir-rikors ġuramentat.

38. Jingħad, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 469A (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *"Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1) (b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."*

39. Fl-eċċezzjoni u fis-sottomissjonijiet, l-Aġenzija intimata sostniet, li r-rikorrent sar jaf li l-applikazzjoni tiegħu għadha pendenti fid-data tas-26 ta' Ġunju 2018, meta huwa ġie nfurmat, għalhekk fid-data tal-preżentata ta' dan il-każ, is-sitt xhur kienu diġa għaddew. Infatti, fis-sottomissjonijiet tal-intimat, issir referenza għall-każ **Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003, fejn ingħad:

> *"Fi kwalunkwe każ il-Qorti jidhrilha li l-Artikolu 469A(3) huwa ċar meta jgħid li l-perjodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur isir jaf jew seta' issr jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha. Dan l-Artikolu ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur għandu jsir jaf. Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perjodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi infurmata b'mod uffiċjali u bil-miktub ċertament li dan kien jiġi indikat fl-Artikolu in eżami. Il-liġi ssemmi biss li dan il-perjodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur sar jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar."*

40. Minn naħa l-oħra, referibbilment għal din l-eċċezzjoni, ir-rikorrent issottmetta, li talba għal informazzjoni dwar applikazzjoni, kemm jekk issir verbalment jew bil-

miktub, ma tistax tiġi interpretata bħala 'talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-Awtorita` ai termini tal-Artikolu 469A (2), li jgħid li:

> *"Meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorita` u din l-awtorita` tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dan in-nuqqas għandu wara xahrejn minn dik in-notifika, jikostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira."*

41. Inoltre`, ġie sottomess ukoll mir-rikorrent, li m'hemmx prova li r-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha pendenti fis-26 ta' Ġunju 2018.

42. Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tirrilevax illi , filwaqt li huwa minnu li l-Artikolu 469A (3) tal-Kap 12 ma jsemmix kif il-persuna milquta għandha tiġi infurmata b'mod uffiċjali u /jew bil-miktub, huwa obbligu tal-intimat, li qed jissolleva din l-eċċezzjoni, li jipprova li r-rikorrent kien mgħarraf u infurmat bil-pendenza tal-applikazzjoni tiegħu fid-data sostnuta mill-istess intimat, ossija fis-26 ta' Ġunju 2018.

43. Madanakollu, minn eżami akkurat tal-atti tal-każ, ma ġiex ippruvat li r-rikorrent, ġie infurmat jew notifikat li l-applikazzjoni tiegħu għadha pendenti, f'din id-data tas-26 ta' Ġunju 2018. Sempliċi Ittra Reġistrata kienet tkun prova suffiċjenti li attwalment ġie notifikat ir-rikorrent – dana iżda ma sarx.

44. Indubbjament, huwa minnu li, b'xi mod, ir-rikorrent ġie a konoxxenza tal-fatt li l-applikazzjoni tiegħu kienet pendenti, infatti, dan jisab ammess minnu stess, tant illi bagħat l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Jannar 2019, eżebita mar-rikors promotur (fol 10) fejn talab aktar informazzjoni – madankollu, meta ġie inizzjalment mgħarraf, sabiex jiskatta il-perjodu imsemmi mill-Awtorita' intimata, ma jirriżulta minn imkien.

45. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din l-eċċezzjoni ma treġġix, u l-Qorti ser tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat.

## It-tielet eċċezzjoni preliminari

46. Fit-tielet eċċezzjoni preliminari, ġie sostnut, li jekk ir-rikorrent qed jikkunsidra li, xahrejn wara l-intavolar tal-ittra uffiċjali preżentata mar-rikors odjern, ġiet rifjutata l-applikazzjoni tiegħu għall-permess ta' residenza, hemm mekkaniżmu fejn deċiżjoni tal-Awtorita` tiġi riveduta ai termini tal-Artikolu 25A tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, liema mekkaniżmu huwa ma għamilx użu minnu. Għalhekk, ġie eċċepit li t-talba sabiex jiġġedded jew jinħareġ il-permess ta' residenza tal-attur hija legalment improponibbli u m'għandhiex tiġi akkolta.

47. Din it-tielet eċċezjoni hija imsejsa fuq l-Artikolu 469A (4) tal-Kap 12, li jipprovdi:

> *"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru xi liġi oħra."*

48. Fis-sottomissjonijiet tal-intimat, qed jiġi sostnut, li t-talba sabiex jiġġedded jew jinħareġ il-permess tal-attur hija improponibbli stante, li jeżisti mekkaniżmu taħt l-Artikolu 25A tal-Kap 217, billi l-attur kellu jappella quddiem Bord apposta, b'hekk il-Qorti Ċivili m'għandhiex isservi l-funzjoni ta' Bord amministrattiv. In sostenn għal dan l-argument, saret referenza għall-każ **John Cauchi vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, fejn ġie ritenut, li l-Qrati a tenur ta' l-Artikolu 469 A (4) tal-Kap 12, jistgħu jistħarrġu deċiżjonijiet amministrattivi fuq fatti u kunsiderazzjonijiet li jkunu diċa ċew mistħarrġa u deċiżi minn Bordijiet, Tribunal, jew Qrati li twaqqfu jew ġew inkarigati *ad hoc* b'xi liġi speċjali.

49. Fl-istess sottomissjonijiet tal-intimat, ġie sottolineat, li l-Qorti tal-Appell tagħti interpretazzjoni wiesgħa għall-appell provvdut fl-Artikolu 25A (8) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u tħalli l-partijiet jagħmlu kwalsiasi sottomissjoni opportuna b'forma *viva voce*.

50. Minn naħa l-oħra, r-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu jissottometti, li ladarba huwa qed jipproċedi abbażi ta' dak enunċjat fl-Artikolu 469A (2) tal-Kap 12, li huwa proprju intiż sabiex jikkontesta nuqqas ta' deċiżjoni tal-Amministrazzjoni, ma jistax issa jingħad mill-kontro-parti li messu sar appell.

51. Il-Qorti tosserva illi, anke kieku ġie ppreżentat appell quddiem il-Bord imwaqqaf skont il-Kap 217, kif qiegħda tinsisti l-Aġenzija intimata, ir-rikorrent kellu bżonn ikun jaf fuq xiex seta' jappella. Ladarba jirriżulta evidenti li ċerta informazzjoni ma tistax tiġi żvelata, anke minħabba raġunijiet ta' sigurta kif ikkonfermat mill-kap tal-MSS, il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma setgħu qatt jagħtu lok għal appell quddiem Bord appożitu taħt l-Artikolu 25A tal-Kap 217.

52. Il-Qorti tosserva wkoll illi, anke rigward dak li ingħad b'referenza għall-Artikolu 25A (8) tal-Kap 217, fejn jingħad li tista' ssir kwalsiasi sottomissjoni opportuna mill-persuna, ossija l-applikant, madanakollu l-ewwel irid ikun hemm id-deċiżjoni tal-Bord, imbagħad sussegwentement isir l-appell.

53. Fil-każ in eżami, fejn l-applikazzjoni tar-rikorrent għadha pendenti, ma jidhirx li hemm raġunijiet u motivi fuq xiex ir-rikorrent isejjes l-appell tiegħu in segwitu għal deċiżjoni ta' Bord appożitu. Dan għaliex, għalkemm ir-rikorrent qed jikkontendi li n-nuqqas ta' tweġiba da parti tal-intimat hija rifjut a tenur tal-Artikolu 469A (2) tal-Kap 12, mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax li hemm rifjut għall-applikazzjoni, iżda kif ikkonfermat miż-żewġ partijiet, li l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza għadha pendenti.

54. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti qed tirrespinġi t-tielet eċċezzjoni preliminari.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ippreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent u tal-aġenzija intimata;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-aġenzija Identity Malta, u għalhekk tiddikjara li Identity Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur u qed tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju għall-motivi fuq spjegati.

**Tiċħad** it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari ta' Identity Malta.

**Tiċħad** it-talba rikorrenti, kif redatta fil-konfront ta' Identity Malta.

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur